14 ta' Frar, 1967

Imħallef:

Onor. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.

Joseph G. Coleiro

*versus*

Tabib Joseph Ellul

**Ċitazzjoni — Nullità ta' — Kawżali — Kontradittorja — Żgumbrament — Azzjoni ta' — Frażi użata — 'Prekarjament u mingħajr ebda titolu'.**

*Ma hemm l-ebda nullità fiċ-ċitazzjoni promotiva ta' azzjoni ta' żgumbrament minħabba prekarjetà u nuqqas ta' titolu. Il-prekarjetà u n-nuqqas ta' titolu ma jikkostitwux kawżalijiet kontradittorji għaċ-ċitazzjoni.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħtija l-provvedimenti opportuni — peress li l-attur bħala eredi tal-mejtin Chevalier John Coleiro u martu Josephine Coleiro li kienu il-proprietarji tad-dar u garage numri tlettax (13) u ħmistax (15) St. Georges Road, St. Julians, irid jirriprendi l-pussess ta' dawn il-fondi; u peress li l-konvenut qiegħed jokkupa l-fondi msemmija 13 u 15 St. George Road, St. Julians, prekarjament u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi talab li l-konvenut jiġi kundannat minn din il-Qorti li jiżgombra mid-dar u garage 13 u 15, St. Georges Road, St. Julians. minnu okkupat prekarjament u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u dana fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu stabbilit min dina l-istess Qorti; bl-ispejjeż inklużi dawk tat-3 ta' Diċembru, 1965;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u n-nota tax-xhieda *tiegħu*;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha huwa eċċepixxa;

1) illi l-kawżali taċ-ċitazzjoni hi kontradditorja għaliex il-konvenut jew qiegħed jokkupa "prekarjament" jew mingħajr ebda titolu u għalhekk iċ-ċitazzjoni hija nulla; (2) illi bil-mewt ta' Mary Ellul, oħt l-attur u ko-eredi tax-Chevalier John Coleiro u martu, it-tfal tagħha u tal-eċċipjent saru kuraturi "*de jure*" tal-eredità tagħha li għadha ġjaċenti; (3) illi l-kuraturi tal-eredità ġjaċenti għandhom id-dritt jamministraw il-proprjetà tagħha u l-konvenut, bħala rappreżentant leġittimu tagħhom fil-minorità, għandu per konsegwenza d-dritt jiddisponi mill-użu tal-fond in kwistjoni; (4) illi wlied il-konvenut għandhom il-"possesso di diritto" tas-suċċessjoni ta' ommhom Mary Ellul, u dan il-pussess jikkonferilhom id-dritt tal-"*possesso di fatto*" liema dritt jista' jiġi eżerċitat mill-konvenut bħala leġittimu rappreżentant tagħhom; (5) illi l-konvenut għandu l-"possesso di diritto" tal-eredità ta' martu, jew almenu ta' parti *indiviża minnha*. peress li hu intitolat għarriserva tal-konjugi superstiti; (6) illi l-konvenut għandu l-użufrutt ta' kwart tal-beni ta' martu, jew kwota oħra verjuri li tirriżulta, u għalhekk hu *komproprjetarju* mal-attur tal-eredità ġjaċenti ta' martu; (7) illi l-konvenut għandu l-użufrutt legali tal-beni devoluti lill-uliedu bis-suċċessjoni ta' Mary Ellul u bħala tali għandu d-dritt jagħmel użu mill-fondi in kwistjoni; *(8) illi kien sar konvenju bejn l-attur u oħtu li* in forza tiegħu l-attur intrabat li jassenja in proprjetà assoluta lil mart il-konvenut u l-fondi in kwistjoni u ta' esekuzzjoni għal dan il-ftehim b'mod li llum ma jistax imur kontra tiegħu sakemm il-konvenju mhux impunjat. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-konvenut, kif *ukoll id-dokument minnu esibit*;

Semghet lill-attur bil-ġurament;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet li bihom huma ittrattaw l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, peress li din hi ta' natura preġudizzjali u għalhekk is-smiegħ tal-kawża għalissa ġie limitata għal dan il-punt;

Rat l-atti l-oħra tal-proċess sa fejn *istruit;*

Ikkunsidrat fuq il-preġudizzjali tal-konvenut;

Illi b'din l-eċċezzjoni l-konvenut mhux qiegħed jalludi għal xi sempliċi difett jew ineżattezza fil-formulazzjoni tad-domanda, minn dawk li jistgħu jiġu faċilment rimedjati bil-korrezzjoni tal-att awtorizzabili mill-Qorti, jew li jistgħu anke jiġu rimedjati, kif spiss isir fil-prattika, b'xi dikjarazzjoni jew kjarifikazzjoni reġistrata in verbal mill-attur stess. Il-konvenut qiegħed jinsisti għal xejn inqas mid-dikjarazzjoni tan-nullità tal-att taċ-ċitazzjoni, u għal konsegwenti liberatorja, u dana in bażi għall-allegata kontradittorjetà taċ-ċitazzjoni.

Illi l-konvenut jikkontendi li din il-kontradizzjoni tinsab fl-użu, tant fil-premessi taċ-ċitazzjoni kemm fil-kawżali tagħha, *in relazzjoni għall-okkupazzjoni tal-fondi in kwistjoni* da parti tal-konvenut tal-espressjoni "prekarjament u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi". It-tesi tal-konvenut infatti ġejja mill-fatt li fil-liġi *ċivili tagħna* il-"prekarju" huwa wieħed mill-forom ta' self rikonoxxuti mil-liġi, u infatti huwa speċifikatament definit mill-Kodiċi (art. 1935) bħala l-istess kuntratt ta' "kommodat" jew "self għall-użu" kontemplat fl-art. 1920, bl-unika differenza li fil-kommodat ikun hemm l-istipulazzjoni ta' żmien jew skop determinat mentri fil-prekarja l-mutwant jista' jirtira u jieħu lura l-ħaġa mislufa meta jogħbu. Dina d-distinzjoni jgħid il-konvenut, tirrendiż-żewġ termini "prekarjament" u "mingħajr ebda titolu" tant kontradittorji u irrikon-

ċitjabili ma xulain li l-Qorti ma tkunx taf "fuq liema bażi sejra tiddeċidi."

Illi huwa minnu li l-liġi, fl-art. 155(1) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tesiġi li ċ-ċitazzjoni għandu jkun fiha mfissra ċar u sewwa l-oġġett u r-raġuni jew kif iżjed spiss insibuha fil-prattika l-kawżali, tat-talba tal-attur, u din d-dispożizzjoni hija ta' tant importanza li, għalkemm il-liġi ma tikkomminax espressament in-nullità għal vjolazzjoni tagħha, tali vjolazzjoni ta' ugwalment taħt is-sanzjoni tan-nullità taħt id-dispożizzjoni tal-art. 792(1)(d) tal-Kodiċi tal-Proċedura fuq imsemmi, in kwantu in-nuqqas ta' tifsir ċar u korrett tal-kawżali jkun dejjem jammonta għal nuqqas ta' xi partikolarità sostanzjali espressament meħtieġa mil-liġi.

Illi però l-Qorti ma tistax, fil-każ *in ispecie*, tasal għall-konklużjoni estrema li jixtieq il-konvenut. Kif għamlet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha "Giovanni Mifsud et vs. Carmela vedova Zammit" tal-1 ta' Marzu, 1926 (Kollez. Vol. XXVI, i, 424 — a pag. 426) b'approvazzjoni ta' dak li kien ġie qabel ritenut fil-kawża "Demarco vs Revello" fiha ċitata, l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni mħabba inċertezza tal-kawżali jew tad-domanda għandha tiġi akkolta b'ċirkospezzjoni kbira, u a propożitu tagħha għandha titħalla latitudini qawwija għall-apprezzament tal-ġudikant li minnu tkun tiddependi l-applikabilità tas-sanzjoni fil-każijiet singoli. Huwa suffiċjenti, intqal fl-istess ġurisprudenza, li d-domanda u l-kawża tagħha jkunu konċepiti f'mod li l-konvenut ikun jista' jifhem l-intenzjoni tal-attur.

Illi din il-ġurisprudenza, intiża biex tevita l-proliferazzjoni u d-dilazzjoni tal-kawżi bi spejjeż inutili għall-partijiet, naturalment kompliet issib segwitu fiż-żminijiet li aħna fihom konsistentement ma l-ispirtu prattiku u speditiv tagħhom. Għal kuntrarju l-eċċezzjoni tal-konvenut hija ispirata għal dak il-

formaliżmu riġidu antik li kien jaqbad b'wisq severità mal-kelma. Infatti din l-eċċezzjoni tipprova tagħmel kapital mill-użu tal-kelma "prekarjament" bħallikieku bl-użu ta' din il-formula jew lokuzzjoni l-attur ammetta l-eżistenza fil-konvenut ta' xi titolu għall-okkupazzjoni tal-fond mhux kompatibili mal-kumplament tal-kawżali "u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi". Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-attur li ż-żewġ espressjonijiet "prekarjament" u "mingħajr titolu" huma komplimentari għal xulxin u li l-prekarju mhux veru titolu billi l-konċessjonarju għandu jirrestitwixxi l-ħaġa lill-konċedent malli jiġi mitlub. Tant mhux titolu l-prekarju li, għal finijiet tal-azzjoni ta' spoll privileġġjat, il-liġi tekwipara l-possess b'titolu prekarju mal-possess ottenut bil-moħbi jew bil-forza; "quam, vi precarie".

Illi ċ-ċitazzjoni, biex tiftiehem ma għandhiex tittieħed "in vacuo" imma fl-isfond tal-fatti konkreti tal-każ li l-partijiet ikunu għexuhom. Min dan l-aspett ma jidhirx li l-konvenut għandu jbati wisq diffikoltà biex jifhem li t-tesi tal-attur hija l-ewwel nett li hu jippretendi li l-konvenut u martu kienu ottjenew l-użu tad-dar bi prekarju mingħand il-ġenituri ta' mart il-konvenut, u fit-tieni lok li bl-ittra uffiċjali tat-3 ta' Diċembru, 1965, kif ukoll biċ-ċitazzjoni stess, il-konvenut ġie interpellat biex jirrestitwixxi l-possess tal-fond lill-attur bħala eredi tal-imsemmija ġenituri.

Illi kieku qatt seta' kien hemm l-iċken dubju fuq l-intelliġibilità taċ-ċitazzjoni dan illum għal kollox mneħħi mid-dikjarazzjoni tal-attur fl-aħħar tan-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu (fol. 23 tergo), mnejn jirriżulta li l-attur jippreċiża l-azzjoni tiegħu bħala waħda bażata fuq nuqqas ta' titolu fis-sens li kwalunkwe titolu prekarju li l-konvenut seta' qatt kellu spiċċa u ntemm meta ġie mitlub jirrilaxxja l-fondi.

Illi din il-konklużjoni dwar kif kellha tiġi intiża ċ-ċitaz-

*zjoni* hija tant ċara li l-Qorti ma jidhrilhiex li għandu jkun hemm xi moderazzjoni fl-ispejjeż mħabba d-dikjarazzjoni fuq imsemmija da parti tal-attur. L-użu tal-espressjoni "prekarjament u bla titolu validu fil-liġi" u ta' espressjonijiet xi daqsxejn ibridi bħala, bħal meta ngħidu "titolu prekarju", huwa komuni fil-prattika forensika f'kawżi bħal dawn u huwa perfettament intelliġibili ħlief għal min ma jridx jifhom. Del resto anki meħudin flimkien, u mingħajr l-ispjegazzjoni mgħottija a fol. 23 tergo, iż-żewġ kwalitajiet ta' pussess ċioè l-prekarju u l-possess bla ebda titolu liberament jikkostitwixxu forma kumulativa jew, kif intqal fil-proċedura fil-Qorti Ingliża "rolled-up" ta' "pleading", b'mod li l-attur kien ikun intitolat jipprova l-possess prekarju u li in segwitu jxoljih permezz tat-talba kontenuta fiċ-ċitazzjoni anke fil-każ li ma jirnexxilux jipprova n-nuqqas ta' kwalunkwe titolu, billi, ad eżempju, ma jirnexxilux jipprova n-notifika tal-ittra uffiċjali. L-importanti, fil-fehma tal-Qorti, hu li wieħed ma joqgħodx jfettaq u jispiċċa biex ifixkel l-andament regolari tal-proċedura. Fuq kollox jidher li l-konvenut tant irnexxilu jifhem ċ-ċitazzjoni, li wasal biex jintavola mhux inqas minn tmien eċċezzjonijiet fil-meritu, barra min din il-preġudizjali, li għar-raġunijiet premessi, il-Qorti ma tistax takkolji.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tirrispinġi l-eċċezzjoni preġudizzjali tal-konvenut bl-ispejjeż, u tiddeferixxi l-kawża għal kontinwazzjoni, in difett ta' ostakolu, għas-seduta tal-15 ta' Marzu, 1967, fid-9 a.m.